MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 12/2004

**Charles Borg**

**vs**

**Nicholai Magrin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u erbgha u tmenin lira Maltija (Lm584.00) u fejn intqal:**
**Illi l-attur kien waqaf gewwa l-ByPass ta' Santa Venera peress illi kien qieghed jirrispondi telefonata u kien ipparkjat mal-genb tal-hajt bil-hazard lights mixghulin meta f'daqqa wahda l-konvenut dahal fil-vettura ta' l-attur u kkagunalu danni konsiderevoli.**

**L-ammont tal-hsarat jammontaw ghal erba' mija tnejn u disghin lira (Lm492) tnejn u disghin lira Maltin**

**(Lm92) karozza tal-kiri ammontanti ghal hames mija erba' u tmenin lira Maltin (Lm584).**

**Ghaldaqstant l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' hames mija erba' u tmenin lira Maltin(Lm584). Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-9 ta' Marzu, 2004, fejn intqal:**

**1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-attur stess li bin-negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' osservananza tar-regolamenti tat-traffiku kkawza l-incident in kwistjoni.**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta' l-attur rigward l-ammont pretiz huma eccessivi u ghaldaqstant huma kontestati.**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Charles Borg, Supretendent tal-Pulizija Peter Paul Spiteri, Nicholai Magrin u Nicky Pace. Ha in kunsiderazzjoni id-dokumenti esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh f'B'Kara By Pass bejn il-vettura misjuqa mill-attur bin-numru tar-registrazzjoni BAO 705 u dik misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni GFP 010.**

**2. Mill-provi jirrizulta illi l-attur illi kien ghaddej fil-karreggjata ta' gewwa gej mid-direzzjoni ta' l-Imsida sejjer fid-direzzjoni ta' Birzebbuga daqqlu l-mobile u rrisponda peress illi kien *on call.* Qabel ma rrisponda l-mobile t-Tabib l-attur prezenti resaq mal-genb tat-triq u xeghel l-indicator. Meta waqaf mal-genb tat-triq xeghel il-hazard lights. Il-konvenut li kien miexi wara l-attur ta' bilfors ma ndunax bl-istess manuvra li ghamel l-attur u baqa' diehel fih. Bhala rizultat tal-kollizzjoni l-attur kellu l-hsara fil-genb in-naha tal-lemin u kemm kemm lejn in-nofs, filwaqt illi l-konvenut kellu l-hsara fuq quddiem bejn in-nofs u l-**

**kantuniera tax-xellug. Dana jidher bic-car mid-Dok NM 2 esebit.**

**3. Jirrizulta illi l-attur kien waqaf xi pied il-boghod mill-hajt tal-genb tat-triq u dana jinsab konfermat mis-Supretendent tal-Pulizija Peter Paul Spiteri li ghadda minn hemm ezatt wara li sar l-incident.**

**4. Jirrizulta li kienet ghada kemm ghamlet ftit xita u l-art kienet tizloq.**

**5. It-Tribunal ma jsibx attendibbli dak li qed ighid il-konvenut dwar illi l-attur xeghel l-indicator biex imur fuq naha meta fil-fatt mar fuq naha ohra. Dwar ix-xhieda ta' Nicky Pace, it-Tribunal ma jistax jinnota n-nuqqas ta' kredibilita' ta' l-istess xhud li huwa habib tal-konvenut u li fil-fatt jixtri mill-hanut tal-konvenut. Tant mhuwiex attendibbli illi filwaqt illi Nicky Pace jghid lill-konvenut ighid li l-konvenut kien ghaddej b'xi 20k.f.s jew mili fis-siegha, jirrizulta anke mill-impatt illi sehh li fil-fatt il-konvenut kien ghaddej b'aktar velocita' tant illi bid-daqqa caqlaq il-karozza ta' l-attur. Rilevanti wkoll frasi illi ntuzat sija minn Nicky Pace u mill-konvenut meta qalu li "l-art giet sapun", referibilment ghal fatt illi kienet bdiet troxx ix-xita.**

**6. Jirrizulta ghalhekk illi l-attur ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega qabel ma waqaf, u ma jirrizultax illi dan waqaf f'xi kantuniera, tant li kellu viswali sija minn quddiem, sija wahda ta' cirka tlett mitt metru (300m). Kif ritenut kostantement kien jinkombi lill-konvenut li juza aktar diligenza anke in vista tal-fatt li l-art kienet ghada kemm ixxarbet. Ghalhekk ghal din il-kollizzjoni ghandu jigi ritenut responsabbli l-konvenut. Bhala danni dawna jirrizultaw pruvati mir-ricevuti kollha esebiti u mis-*survey report* li gie konfermat bil-gurament.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib il-konvenut unikament responsabbli u jikkundannah ihallas lill-attur ihallas is-somma ta' hames mija erba' u tmenin lira Maltin (Lm584). Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------